Ott 2012

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



## Ħruġ ta' Tenders għal *Resurfacing* ta' Toroq fin-Nadur

Fil-jiem li għaddew, il-Kunsill Lokali tan-Nadur iddiskuta proposta għal resurfacing ta' diversi toroq fil-lokalità tagħna. Ġie deċiż li għaldaqstant toħroġ sejħa għal offerta għal xogħol f'dawn it-toroq: Triq Madre Gemma Camilleri, Triq Rakela Camilleri, Triq ir-Ramla u Triq Dun Anton Tabone. Il-Perit inkarigat huwa Robert Grech. Fejn hemm bżonn se jsir ukol bdil tas-servizzi, tqaxxir tat-triq preżenti u finalment kisi b'tarmak ġdid. Kull proġett, sakemm jitlesta, jista' joħloq xi inkonvenjent għar-residenti. Inwegħdu li bħala Kunsill se nżommu għajnejna fuq ix-xogħlijiet sabiex jitleslew fl-iqsar żmien possibbli u li dan jsiru b'tali mod li jibqgħu jitgawdew għal tul ta' żmien.

# Xogħlijiet




**Tinda ġdida għall-*pitch* tal-Boċċi fil-*Playing Field* ta' Triq Xandriku**



***Water Culvert* f'Wied Binġemma**



Manutenzjoni ġenerali fi Ġnien il-Kunsill



Bankijiet ġodda fil-Bajja ta' San Blas



Għajnuna finanzjarja lill-Parroċċa għal-restawr fil-faċċatta tal-Bażilka






# Wine Festival

Bejn il-31 t'Awwissu u t-2 ta' Settembru ġiet organizzata l-10 edizzjoni tad-*Delicata Classic Wine Festival* fi Ġnien il-Kunsill. Bħal ma għamlu l-edizzjonijiet fil-passat, dan l-avveniment ġibed eluf ta' Għawdxin u Maltin li flimkien, kellhom l-opportunità li jduqu l-inbid rinomat tal-kumpanija Delicata fuq sfond ta' interpretazzjonijiet ta' kant u żfin minn artisti u gruppi bħal Novel u Airport Impressions. Sfortunatament, l-aħħar ġurnata ta' din l-attività kellha tiġi mħassra peress li t-temp ma ppermettiex. Is-sena d-dieħla, id-*Delicata Classic Wine Festival* fin-Nadur se jsir bejn is-16 u t-18 ta' Awissu.



# EUROPEAN MOBILITY WEEK CAR FREE DAY 2012

## MOVING *in the right* DIRECTION

## Car Free Day

Bħala parti mill-inizjattiva internazzjonali *Car Free Day*, il-Kunsill Lokali tan-Nadur ġie magħżul sabiex nhar il-Ħadd, 16 ta' Settembru 2012, ir-raħal tan-Nadur jipprepara diversi attivitajiet li lkoll jħajru lill-pubbliku jagħmel użu minn metodi alternattivi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Għalhekk f'dan il-jum, diversi toroq u pjazez fin-Nadur ġew magħluqa għat-traffiku u minflok, ġew armati stands b'diversi attivitajiet sportivi għat-tfal u aktar tard matul il-jum anke għall-kbar. it-tema magħżula għal din is-sena kienet "**European Mobility Week - Car Free Day 2012 - A step in the right direction**".







# Avviżi



## Karnival 2013

Wieħed mill-akbar avvenimenti fir-raħal tagħna huwa bla dubju ta' xejn il-Karnival. Minn naħa tal-Kunsill Lokali, il-preparamenti għal dawn il-jiem diġà għaddejjin ġmielhom. Din is-sena, il-Karnival Spontanju se jaħbat bejn il-Ġimgħa 8 u it-Tlieta 12 ta' Frar wara nżul ix-xemx. Attività oħra ferm mistennija mill-pubbliku, ukoll abbinata ma' dawn il-jiem hija dik tal-Karnival Organizzat - li din is-sena wasal propju fit-22 edizzjoni tiegħu. Dan ser jiġi organizzat nhar il-Ħadd, 3 ta' Frar fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Bħas soltu hemm ppreparat programm mimli varjetà, daħk u kuluri. L-isfilata li tagħti bidu għall-programm tibda fin-12.30pm. Dawk interessati jieħdu sehem fil-Karnival Organizzat, huma mitluba jiġbru l-applikazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

## V.18

Fil-jiem li għaddew, Malta ġiet magħżula biex il-Belt Valletta issir il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura fis-sena 2018. Dan il-proġett huwa nvestiment li jikkontribwixxi bl-aktar mod qawwi fl-attività ekonomija ta' pajjiżna. Minbarra li qed jagħmel isem għal Malta, dan il-proġett huwa wieħed li jippromwovi kemm l-inkluzjoni kif ukoll id-diversità kulturali. Dan il-pass qed jesponi dak kollu li pajjiżna jħaddan u jkompli jgħin biex jattira aktar turiżmu. Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura m'hijiex biss tal-Belt Valletta imma ta' kull lokalità, belt jew raħal f'Malta u Għawdex. Ir-raħal tan-Nadur, permezz tal-Kunsill Lokali qed jissapportja din l-inizjattiva bil-Karnival Spontanju, ikkulurit u uniku li jsir ta' kull sena.





IL-KUNSILL LOKALI TAN-NADUR JIFRAĦ LIN-

**NADUR YOUNGSTERS FC.**

wara ir-rebħa tat-Tazza Indipendenza

# IL-ĠIMGĦA TAL-KUNSILL 2012

## PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET

### IN-NADUR U L-KULT NISRANI TIEGĦU VJAĠĠ TA' TLIET SEKLI U KWART TA' FIDI

### Wirja ta' Arti Sagra

Il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru 2012: L-Aħħar Jum tat-Tridu tal-Festa tal-Kon-Patrun tal-Parroċċa San Koronatu Martri. Fis-7.30 p.m. fis-'Sala Joe Tabone' fil-bini tal-Kunsill tiġi inawgurata 'l-Ġimgħa tal-Kunsill' bil-ftuħ tal-Wirja ta' Arti Sagra IN-NADUR U L-KULT NISRANI TIEGĦU – Vjaġġ ta' Tliet Sekli u Kwart ta' Fidi minn Mons. Isqof Mario Grech. Wara li tintemm din l-attivita`, isir riċeviment għal dawk kollha preżenti.

Din il-Wirja tkun miftuħa mill-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2012 sal-Ħadd 25 ta' Novembru 2012.
Ħinijiet bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. u s-6.00 p.m. u t-8.00 p.m.

### PREMJU ĠIEĦ IN-NADUR U KUNĊERT MUŻIKALI MILL-BANDA MANRJA

Is-Sibt, 10 ta' Novembru 2012: Lejliet il-Festa tal-Kon-Patrun tal-Parroċċa San Koronatu Martri. Fis-7.30 p.m. fit-Teatru MBC jittella` Programm Mużikali mill-Banda Mnarja ta' mużika kontemporanja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tal-istess banda Mro. Joseph Grech. Waqt dan il-programm jingħata l-Premju 'Ġieħ in-Nadur' għas-sena 2012 mill-Kunsill Lokali, lil dik il-persuna li tkun iddistingwiet ruħha fil-ħajja soċjali tal-lokalita`. Din is-sena, dan il-premju se jmur għand is-Sur Charles Xuereb Wara jsir riċeviment għal dawk kollha preżenti.

### JUM IL-FESTA TAL-KON-PATRUN TAL-PARROĊĊA SAN KORONATU MARTRI

Il-Ħadd, 11 ta' Novembru 2012: Fit-8.30 a.m. il-membri tal-Kunsill jattendu għall-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu. F'dan il-jum speċjali, il-membri tal-Kunsill qed jistiednu lill-poplu Naduri kollu biex f'din l-okkażjoni jingħaqad magħhom u jqaddes dan il-jum speċjali bis-smiegħ tal-Quddies, bi qrara u bi tqarbina. Filgħaxija kulħadd huwa mħeġġeġ biex b'imħabba lejn San Koronatu jattendi għall-purċissjoni li ssir mat-toroq prinċipali.

Matul dan il-jum fi Pjazza San Pietru u San Pawl:

*Wirja ta' Vetturi*
Bejn id- 9.00 a.m. u s-2.00 p.m. Tittella` wirja ta' vetturi Klassiċi, Militari u mill-kontinent Amerikan.

*Tiġrijiet għat-Tfal*
Bejn is-1.00 p.m. u t-3.00 p.m. Jittellgħu t-tiġrijiet għat-tfal kollha Nadurin

*Blood Donation*
Bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. f' 'Dar San Pietru u San Pawl' fi Triq Diċembru 13 isir l-għoti tad-demm. Dawk kollha li jixtiequ li jkollhom sehem f'din l-opra karitattiva huma mitluba li jagħmlu dan fil-ħinijiet insemmija.

### MIN HU N-NADURI LI GĦAMEL ISEM?

Il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2012: Fis 7.30 p.m. 'Min Hu n-Naduri li Għamel Isem?' Serata fil-Gebuba Wine Bar fi Pjazza San Pietru u San Pawl fejn fiha niskopru aktar mill-qrib lill-persuna ta' James Azzopardi – Statwarju u Artista Naduri. Imexxi din is-serata s-Sur Peter Paul Buttigieg.

IKOMPLI ►

## 'SOUNDS THE TRUMPET' KUNĊERT TA' MUŻIKA BAROKKA U KLASSIKA

Il-Ġimgha, 16 ta' Novembru 2012: Fis-7.00 p.m., fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` jitella` kunċert ta' mużika fuq still barokk u klassiku bis-sehem ta' Jason Camilleri – Trumpet, Andre Helleur – Trumpet u Shirley Helleur - Piano.

## QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR U FUTBOLL TOURNAMENT

Il-Ħadd, 18 ta' Novembru 2012: Fid-9.30 a.m., fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-Sotto Kumitati, Staff u poplu Naduri. Iqaddes Mons. Arċipriet Jimmy Xerri. Il-Quddiesa tkun b' suffragju tal-ex-Sindku Joe Tabone u l-ex Kunsillier Frans Sammut. Fi tmiem il-quddiesa fuq iz-zuntier ikun hemm bibita għal kullħadd.

Fid-9.00 a.m. Fil-Futboll Ground 'Peter Paul Camilleri' jibda il-'Joe Tabone Memorial Tournament' għat-tfal kollha Nadurin li huma taħt it-13-il sena.

## ĦARĠA GĦALL-ANZJANI

It-Tnejn, 19 ta' Novembru 2012: Illum tiġi organizzata ħarġa għall- Anzjani tagħna b'rikonnoximent lejhom. Fis-3.30 p.m. titlaq il-karozza mill-Pjazza lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imgarr, fejn issir quddiesa u wara hin ta' mistrieħ u ikla fil-Vinyard Resturant.

## NIGHT HIKE

L-Erbgħa, 21 ta' Novembru 2012: Isir Night Hike li ser tkun organizzata flimkien mal-Iskola Primarja tan-Nadur. Titlaq fil-5.30 pm minn ħdejn l-iskola.



SENA TAL-FIDI
11.X.2012 – 24.XI.2013

IN-NADUR 325 SENA PARROĊĊA
28.IV.1688 – 28.IV.2013

IN-NADUR U L-KULT NISRANI TIEGĦU
VJAĠĠ TA' TLIET SEKLI U KWART TA' FIDI

Wirja ta' Arti Sagra

9 - 25 ta' Novembru 2012

'Sala Joe Tabone'
Kunsill Lokali n-Nadur
Triq it-Tramuntana
In-Nadur